MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 2448/2000/1

**Onor. John Dalli**

**v.**

**Gino Cauchi**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza fejn il-konvenut gie kkundannat ihallas danni ghal malafama taht l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248). Fic-citazzjoni promotrici ta' l-azzjoni, l-attur ppremetta li fl-1 ta' Novembru 2000 fi programm

intitolat “Tajjeb li Tkun Taf” trasmess minn Super One Radio (li tieghu l-konvenut Cauchi kien l-editur registrat) gie mxandar kliem li bihom gew attribwiti lilu fatti determinati li huma foloz u malafamanti bl-iskop li jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku. L-attur kompla fisser li fic-cirkostanzi huwa kellu dritt ghad-danni skond l-Artikolu 28 tal-Kap. 248. Ghalhekk talab lill-konvenut ighid ghala l-Prim Awla tal-Qorti Civili ma kellhiex tiddeciedi (1) li l-kliem imxandar f’dik it-trasmissjoni kien libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu, cioe` fil-konfront ta’ l-attur u li jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku, u (2) li tikkundanna lill-istess Cauchi jhallsu dik is-somma li tiffissa l-Qorti f’ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira.

**2.** Il-konvenut ma pprezentax l-eccezzjonijiet tieghu fiz-zmien stabbilit mill-ligi, u ghalhekk, b’digriet moghti fl-udjenza tal-21 ta’ Frar 2001 (l-ewwel udjenza quddiem il-Prim Awla – li ghaliha la deher il-konvenut u anqas l-avukat difensur tieghu[1]), il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fuq talba ta’ l-attur, ordnat l-isfilz tan-nota ta’ eccezzjonijiet. Fit-23 ta’ Frar 2001 il-konvenut ipprezenta rikors li permezz tieghu talab li jiggustifika l-kontumacja, izda dik il-Qorti, b’digriet moghti fit-2 ta’ Mejju 2001 (fol. 18), cahdet dik it-talba.

**<u>Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti</u>**

**3.** Wara li semghet il-provi ta’ l-attur u wara li, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 158(10)[2] tal-Kap. 12, tat lill-konvenut l-opportunita` li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub, u anke ezaminat ir-risposta ta’ l-attur ghal dawk is-sottomissjonijiet, il-Prim Awla tal-Qorti Civili,

[1] Fir-rikors tieghu tat-23 ta’ Frar 2001 il-konvenut qal li huwa u d-difensur tieghu ma dehrux ghal dik l-udjenza ghax kellhom jidhru quddiem il-Qorti tal-Magistrati f’kawza ohra ta’ libell. Jibqa’ l-fatt, pero`, li l-konvenut, jew l-avukat tieghu, ma pprezentawx rikors quddiem il-Prim Awla biex jitolbu posponiment tal-kawza jew differiment.

[2] 158(10): *“Jekk il-konvenut jonqos li jipprezenta n-nota ta’ eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni msemmija f’dan l-artikolu, il-qorti tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa’ kontumaci kemm-il darba ma jippruvax ghas-sodisfazzjon tal-qorti raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta n-nota ta’ eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni fiz-zmien li jmiss. Il-qorti ghandha, madanakollu, qabel ma taghti s-sentenza, taghti lill-konvenut zmien qasir li ma jistax jiggedded biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhhu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet ghandhom jigu notifikati lill-attur li jkollu zmien qasir biex jirrispondi.”*

b'sentenza tad-9 ta' Ottubru 2002 (1) laqghet l-ewwel talba attrici u ddikjarat li l-kliem imxandar fit-trasmissjoni indikata fic-citazzjoni, ghal liema trasmissjoni kien responsabbli l-konvenut bhala editur registrat, kienu libelluzi u mmalafamaw lill-attur u esponewh ghad-disprezz tal-pubbliku, (2) laqghet ukoll it-tieni talba attrici, illikwidat id-danni fis-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500) u kkundannat lill-konvenut ihallas dik is-somma lill-attur, u (3) ikkundannat lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza, flimkien ma' l-imghaxijiet legali fuq is-somma ta' danni likwidata b'effett minn dik il-gurnata (cioe` mid-9 ta' Ottubru 2002) sal-jum tal-hlas effettiv; u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi din hija kawża ta' libell taht il-Liġi dwar l-Istampa. L-attur ħassu malafamat bi kliem li ngħad waqt xandira diretta fuq programm imtella' fl-1 ta' Novembru, 2000, waqt il-programm "*Tajjeb Li Tkun Taf*" mill-istazzjon Super One Radio li tiegħu l-imħarrek huwa l-editur reġistrat. L-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' danni minħabba dak li ngħad dwaru fl-imsemmi programm;

"Illi mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti, jirriżulta li fl-1 ta' Novembru, 2000, waqt li kien qiegħed jiġi trasmess il-programm radjofoniku fuq imsemmi mmexxi minn Alfred Grixti, semmiegħ ċempel u fisser il-fehma tiegħu li l-attur (li ma semmihx b'ismu imma b'riferenza għad-dikasteru li jokkupa) żamm għalih "l-għaxar miljuni li marru lil hemm". Is-semmiegħ tenna dan għal iktar minn darba, u żied jgħid ukoll li l-fehma tiegħu kien hemm eluf jaħsbuha bħalu. Il-preżentatur tal-programm, matul dan l-intervent tas-semmiegħ, ġibed l-attenzjoni ta' dan biex joqgħod attent kif kien qiegħed jitkellem għax jesponi ruħu għal libell[3];

"Illi jirriżulta wkoll[4] li dak inhar li seħħet l-imsemmija trasmissjoni "*live*", l-imħarrek kien l-editur reġistrat tal-istazzjon tar-radju li xandar dak il-programm, għall-finijiet tal-artikolu 52 tal-Att XL tal-1974 dwar l-Istampa;

---

[3] Dok "A", f'pag. 5 tal-process

[4] Dok "B", f'pag. 6 tal-process

"Illi l-attur xehed[5] li kien qieghed jilmenta minn dik ix-xandira dwar dak li s-semmiegħ qal fuq il-flus li żamm għalih. Fisser ukoll li dak il-kliem kien ingħad fid-dawl tat-trasferiment li kien seħħ ftit żmien qabel fil-proċess tal-privatiżżazzjoni tal-Mid-Med Bank. Hu qal li t-*transcript* tax-xandira fejn saret it-telefonata kien qabbilha mal-verżjoni reġistrata tal-istess. Ma kienx sema' l-programm waqt li kien qiegħed jiġi trasmess. Seħaq li dak li ngħad matul dak l-intervent kien jagħmel parti minn kampanja usa' li saret kontra tiegħu f'dak iż-żmien u hu ċaħad għal kollox li kien żamm xi flus għalih minn dak it-trasferiment tal-ishma;

"Illi tressqu provi wkoll dwar kif l-Awtorita' tax-Xandir iżżomm kopja tat-trasmissjonijiet radjofoniċi li jsiru mill-istazzjonijiet kollha u tħalliet ukoll kopja tat-trasmissjoni inkriminata[6];

"Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, l-imħarrek ressaq argumenti biex it-talbiet attriċi ma jiġux milqugħa. Beda biex qanqal il-kwestjoni dwar is-siwi probativ tat-*tape* li tressaq bħala kopja tax-xandira inkriminata: semma d-data u semma wkoll in-nuqqas li ssir l-awtentika meħtiega tal-kopja li ġiet esebita mal-atti tal-kawża. Jindika li filwaqt li l-attur jippremetti li x-xandira kienet fl-1 ta' Novembru, 2000, ix-xhud Bugeja qalet li l-kopja li kienet qegħda tressaq kienet ta' trasmissjoni tat-2 ta' Novembru, 2000. Huwa jtenni li l-attur innifsu naqas li jikkonferma l-programm u l-jum li fih tassew ixxandar. Għalhekk l-imħarrek jgħid li m'hemmx provi dwar it-trasmissjoni. Minbarra dan il-punt tekniku, l-imħarrek jgħid li ma kellu l-ebda kontroll dwar dak li allegatament seta' ngħad: u dan billi hu ma kienx qiegħed imexxi l-programm, u li dak li ngħad kien waqt trasmissjoni *live* li hu ma kellux il-mezz biex jikkontrolla. Għalhekk, ma kienx hemm fih l-intenzjoni li jingurja lill-attur, u b'hekk wieħed mill-elementi meħtiega fl-artikolu 28 tal-Kap 248 jiġi nieqes. Jirreferi għar-rikjam li l-preżentatur tal-programm għamel lis-semmiegħ dwar dak li kien qiegħed jgħid u wkoll għall-fatt li s-semmiegħ kien qiegħed jesprimi kritika fil-konfront tal-

[5] 7.5.2001, f'pagg. 19 u 20 tal-process

[6] Xhieda ta' Joanne Bugeja 7.5.2001, f'pag. 21 tal-process u Dok "JB1"

attur li kienet tirrappreżenta l-fehma tiegħu u mhux jagħmel asserzjoni ta' fatt. Imbagħad l-imħarrek jgħaddi biex jagħmel sottomissjonijiet dwar il-jedd ta' persuna li tfisser il-fehmiet tagħha u kif il-jedd ta' kumment joffri latitudni fil-konfront ta' persuna pubblika fil-kamp politiku. Jagħlaq billi jgħid li, għalkemm ma kienx responsabbli għal dak li ngħad, xorta waħda offra lill-attur apoloġija meta sar jaf bl-ilment tal-attur, liema offerta, madankollu, jgħid li l-attur ma laqax;

"Illi, min-naħa tiegħu, l-attur wiegeb billi seħaq li l-istazzjon li xandar il-programm messu għandu t-tagħmir meħtieg biex f'xandiriet diretti ikun jista' jsir *screening* ta' dak li jkun qiegħed jingħad b'sistema li tittardja x-xandir ta' dak il-kliem li jista' jkun offensiv jew jikser il-liġi. Hu seħaq li jekk is-semmiegħ kellu l-jedd li jfisser il-fehma tiegħu, dak li qal ma kienx kumment imma attribuzzjoni ta' fatt (li l-attur żamm għaxar miljun lira għalih), li d-difiża għalih hija l-prova tal-verita' tal-fatti. L-attur ressaq argumenti wkoll dwar il-limiti aċċettabbli tal-kritika li ssir lil persuna minn persuna oħra, u dwar il-jedd tal-persuna li tħares l-integrita' tagħha minn xiljiet jew akkużi mhux minnhom;

"Illi **<u>għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-każ</u>** għandu jingħad illi fil-liġi Maltija, għall-finijiet tal-azzjoni ċivili ta' libell bħalma hija din, xandira radjufonika tigbed fuqha l-istess attenzjoni u effetti ta' pubblikazzjoni stampata. Differenza bejniethom jidher li hi li fil-każ ta' xandira (radjufonika jew viżiva) jkun biżżejjed li jintwera li din tkun ġiet trasmessa, u huwa immaterjali jekk fil-fatt tkunx ġiet riċevuta minn xi persuna jew le[7];

"Illi minbarra dan, il-privileggi jew sanzjonijiet li l-liġi tipprovdi dwarhom fil-każ ta' editur ta' gażżetta japplikaw daqsinsew għal editur ta' servizz ta' xandir u għal detentur ta' liċenza tax-xandir[8] u dan jgħodd ukoll għad-dmirijiet u l-obbligi[9];

---

[7] Ara t-tifsira tal-kelma "xandir" fl-art 2 tal-Kap 248

[8] Art. 43 tal-Kap 248

[9] Art 44 tal-Kap 248

"Illi l-azzjoni ta' libell maħsuba fil-Kap 248 trid titqies bħala azzjoni specjali li l-ghejjun taggha fil-bidu kienu mahsuba li jwettqu forma ta' kontroll dwar dak li jinkiteb jew jiġi mxandar fil-gurnali. Mal-medda tas-snin, ix-xejra bdiet iddur favur il-ħarsien tal-fama tal-individwu minn dak li jista' jinkiteb jew jingħad dwaru fil-mezzi stampati, fid-dawl tal-jedd l-ieħor fondamentali tal-espressjoni ħielsa tal-fehmiet ta' dak li jkun. L-azzjoni ta' libell hija għalhekk azzjoni eċċezzjonali li wieħed idur għaliha biss f'każ fejn l-unur u l-ġieħ ta' persuna jkunu ġew imkasbrin jew miftuha għad-disprezz tal-pubbliku b'dak li jingħad jew jiġi mxandar dwaru. Fil-qafas ta' dawn il-parametri, u kif imfissra mill-aktar sentenzi aggornati tal-Qrati Maltin u barranin dwar din il-kwestjoni, l-għoti ta' rimedju li jingħata taħt azzjoni bħal din qiegħed kulma jmur ixaqleb lejn il-jedd tal-espressjoni ħielsa. Il-ħtiega tal-ħarsien mil-liġi lill-unur u r-reputazzjoni ta' persuna m'għandux, b'riflessjonijiet u induzzjonijiet bla qies, joħonqu dan il-jedd tal-espressjoni ħielsa[10];

"Illi l-jedd tal-espressjoni ħielsa, invokat ukoll mill-imħarrek fin-Nota ta' Sottomissjonijiet studjata tiegħu u kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u wkoll fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[11], jigbor fih il-jedd li kull persuna jkollha w iżżomm fehmiet bla ndħil minn ħadd u li tirċievi mingħand u tgħaddi lil ħaddiehor idejat u tagħrif bla ndħil. Minħabba li dan il-jedd iġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, għandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-liġi u li jkunu meħtiega f'soċjeta' demokratika. Fost dawn il-limitazzjonijiet wieħed isib il-ħarsien tal-fama u tal-jeddijiet ta' persuni oħrajn mill-effetti tal-eżerċizzju tad-dritt tal-espressjoni ħielsa ta' dak li jkun[12]. Ma jistax ikun, għalhekk, li l-Istampa u l-meżżi l-oħrajn ta' komunikazzjoni ma jkunux milquta b'dawn il-limitazzjonijiet[13];

[10] App. Krim.Inf. **13.6.1985** fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud Bonnici et vs Farrugia noe et***

[11] Liema artikolu hu inkorporat fil-ligi tagnna bid-dispozizzjonijiet tal-Att XIV tal-1987 (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta)

[12] Ara Kost. **15.5.1995** fil-kawza fl-ismijiet ***Grech vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.148**)

[13] App. Civ. **15.11.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Borg vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.372**)

"Illi t-tifsir mogħti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' każijiet[14] lill-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi iqis, fost l-oħrajn u b'mod ewlieni, is-siwi tad-dibattitu politiku ħieles bħala waħda mis-sisien fejjieda ta' stat demokratiku. Dan it-tifsir dejjem għaraf bejn kritika li ssir fil-konfront ta' persuna li hija mdaħħla fil-ħajja pubblika (jew politika) u persuna li m'hijiex;

"Illi l-libell b'xandira jitwettaq kull meta ssir xi imputazzjoni li tista' ċċekken lill-persuna li għaliha tirreferi (kemm jekk espressament jew b'implikazzjoni) fl-istima jew il-ġieħ tas-soċjeta' lejha, u dan billi timmira li taqta' lil dik il-persuna mill-istess soċjeta', jew li tesponiha għad-disprezz jew mibegħda tagħha. Min-naħa l-oħra, il-kritika ta' persuna, l-iżjed jekk dik il-persuna tkun imdaħħla fil-qasam pubbliku[15], ma ssirx minnufih passibbli għas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm-il darba tkun waħda serja, oggettiva u meqjusa, ukoll jekk tkun ħarxa u qawwija[16]. Minn dan joħrog li l-eżami ewlieni li għandu jagħmel il-ġudikant huwa dak li jqis jekk il-kliem ippubblikat jew imxandar jikkawżax lill-persuna li għaliha dik il-pubblikazzjoni jew xandira tirreferi nuqqas ta' stima f'għajnejn min ikun qraha jew semagħha. Tali "udjenza" għandha tiġi meqjusa bħala qarrejja jew semmiegħa ta' dehen normali li jkunu taw lill-kliem pubblikat jew imxandar it-tifsira normali tiegħu[17];

"Illi għar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, il-livell ta' kritika li l-liġi tal-istampa tittollera huwa x'aktarx għoli, azzardat u wiesgħa, u ċirkostkritt biss minn prova ta' ħażen jew infondatezza tal-fatti msemmija jew mid-diċenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha. Meta l-persuna li għaliha ssir riferenza fil-pubblikazzjoni jew ix-xandira li tkun m'hijiex persuna fiżika, imma waħda guridika, il-qilla tal-kritika u t-tolleranza tagħha hija usa'

---

[14] Per ezempju, **8.7.1986** fil-kawza ***Lingens vs Austria,*** u wkoll **23.5.1991** fil-kawza ***Oberschlick vs Austria***
[15] App. Civ. **1.2.1988** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Vella et***
[16] App. Civ. **27.4.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Mifsud vs Daphne Caruana Galizia***
[17] P.A. FGC **8.10.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Victor Pace vs Joe Azzopardi et***

sal-grad li mbasta tkun tollerabbli f'soċjeta' demokratika[18]. F'dan il-każ, il-prinċipju tal-espressjoni ħielsa huwa mirfud bil-kwestjoni tal-interess pubbliku li normalment jimmotiva l-kritika mistħoqqa li għandha ssir dwar persuna involuta fil-ħajja pubblika[19] ukoll jekk il-kritika tolqot il-ħajja privata tal-personagg pubbliku;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-għamla tal-kritika li ssir, jingħad li waħda mill-forom li tintuża hija l-kumment. Bħalma timplika l-kelma nnifisha, kumment m'huwiex semplici stqarrija ta' fatt, imma tifsira ta' jew fehma dwar fatt li seħħ[20], ukoll jekk tkun tifsira preġudikata jew partiggana. Fil-qasam politiku, imbagħad, il-kumment jista' jkun maħsub biex joħloq xkiel jew jagħmel ħsara politika lil xi persuna involuta jew biex saħansitra jqanqal disgwid jew taħwid fil-kamp politiku oppost.[21];

"Illi huwa aċċettat li jekk il-kumment ikun "ġust", ma taqax taħt il-pwieni tal-malafama jew tal-libell. Il-kwestjoni ta' kummenti li jitqiesu bħala "ġusti" hija waħda li tagħti lok għal problemi kbar minħabba li mhix waħda ċara[22]. Biex il-kumment ikun wieħed "ġust", jeħtieg li jkun imsejjes fuq ħwejjeg li sostanzjalment seħħew u li jkunu l-fatti sħaħ[23]. Jekk jirriżulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jeżisti, ma tkunx tista' trieġi aktar id-difiza tal-kumment ġust[24]. Il-fatt irid jiġi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment ġust dwaru[25], daqskemm tantieħor irid jipprova li s-suggett li dwaru nkiteb tali kumment kien wieħed ta' interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wieħed "ġust"[26]. Kif jintwera li l-fatti msemmija jkunu sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jiġi mistħarreg jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika misluta minnhom

---

[18] App. Civ. **8.11.1995** fil-kawza fl-ismijiet ***Mons. Anton Gac`i vs Michael Schiavone noe et***

[19] Ara, per ezempju, P.A. **2.11.1989** fil-kawza fl-ismijiet ***Coleiro vs Schiavone et***; u P.A. **11.1.1990** fil-kawza fl-ismijiet ***Borda vs Sant***

[20] Gatley, Libel & Slander, 8 ediz., par. 697, pag. 294

[21] App. Civ. **14.2.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Lorry Sant vs Victor Camilleri et***

[22] Ara Gatley, *op. Cit.*, par. 707, pagg. 299-300

[23] App. Civ. **21.1.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech pro et noe vs Montanaro et***

[24] App. Civ. **13.1.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Prof John Rizzo Naudi vs Felix Agius et***

[25] App. Civ. **10.12.1991** fil-kawza fl-ismijiet ***Debono vs Callus et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.**495) u wkolll App. Civ. **14.2.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Sant vs Camilleri et***

[26] Gatley *op. cit.*, Par. 747, pagg. 324-5

kinitx fil-limiti tal-jedd tal-espressjoni ħielsa kif imfissra aktar qabel;

“Illi, fuq kollox, l-artikolu jew ix-xandira li trid tiġi mistħarrga trid titqiegħed fl-isfond tal-attwalita’ u fil-qafas taċ-ċirkostanzi li tkun saret il-pubblikazzjoni jew xandira li tkun[27];

Illi minkejja li maż-żmien il-gurisprudenza żviluppat iżjed favur il-liberta’ tal-Istampa bħala manifestazzjoni tad-dritt fondamentali tal-espressjoni ħielsa bħala għodda meħtiega ghall-iżvilupp demokratiku tas-soċjeta’ ċivili, għadu prinċipju ta’ dritt li l-malafama voluta permezz ta’ addebiti ta’ fatti foloz maħsuba biex inaqqsu l-ġieħ u l-fama ta’ persuna li lejha tkun diretta baqgħet ċensurabbli u milquta mis-sanzjonijiet tal-liġi[28]

“Illi għandu jkun ċar lil kulħadd li l-kliem tas-semmiegħ waqt il-programm inkriminat kien maħsub li jattribwixxi lill-attur fatt determinanti. Dan il-fatt, kif xehed l-attur innifsu, huwa dak li jqis li l-attur, b’abbuż tal-pożizzjoni li huwa jokkupa, approfitta ruħu minn ċirkostanza li biha stagħna jew indebitament irċieva xi kumpens talli ta l-approvazzjoni tiegħu għat-trasferiment tal-ishma tal-Mid-Med Bank lill-akkwirenti interessati. L-attur jiċħad kategorikament li dan li ngħad dwaru seħħ. Dwar dan l-addebitu, is-semmiegħ ma strahx fuq xi fatt pruvat, imma fuq dak li taħseb il-kuxjenza tiegħu u, kif qal hu, ta’ eluf bħalu li jaħsbuha hekk, ghax “ħadd ma jagħmel xejn ta’ xejn”;

“Illi lanqas jista’ jingħad li dak li beda jgħid is-semmiegħ kien jikkwalifika bħala “*value judgement*”, billi kien huwa nnifsu li kien qiegħed jixli lill-attur li ha l-flus fl-okkażjoni tat-trasferiment tal-ishma tal-Mid-Med Bank: seħaq iżjed minn darba li hu kellu dritt li jħoss hekk u li kien iħoss dak li jħoss. Imbagħad rabat dan ma frażi li hu jgħid li l-attur darba qal - “ħadd ma jagħmel xejn għalxejn” - u minnha qabeż għall-konklużjoni li b’hekk kien ippruvat li l-attur kien involut f’xi tixħim fil-proċess tat-trasferiment. Il-fatt li

[27] App. Civ. **4.2.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech pro et noe vs Callus et***
[28] App. Civ. **23.4.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Sant vs Cassola et***

jipprova jseddaq il-fehma tiegħu ma’ dik li jgħid li eluf oħra jaħsbu bħalu, ma tnaqqas xejn mis-saħħa tax-xilja tiegħu. F’każ bħal dan, il-Qorti trid twettaq eżerċizzju oggettiv li tqis jekk dak li xxandar twassalx lis-semmiegħa bħala fatt, u jekk dan kienx wieħed malafamanti jew le, indipendentement mill-“konvinzjoni” tas-semmiegħ li intervjena fil-programm[29];

“Illi l-Qorti m’għandha l-ebda dubju li dak li lissen is-semmiegħ waqt l-intervent tiegħu ngħad bil-ħsieb, u li dan il-ħsieb kien imsejjes fuq il-fehma li l-attur kien effettivament laqa’ għandu ħlas li ma messux irċieva. Dan twassal bħala ċertezza, bħala li fattwalment hekk kien tassew seħħ. Imma prova ta’ dan dak is-semmiegħ ma ressaq xejn għajr dak li kien qiegħed iħoss. Li l-istess semmiegħ kien qiegħed jilgħab man-nar ġibidlu l-attenzjoni dwaru l-bniedem li kien qiegħed imexxi l-programm, imma s-semmiegħ ma tax widen. Baqa’ jisħaq fuq dak li kellu f’moħħu bħallikieku kien fatt pruvat. Minn dak li jirriżulta fl-atti, dan ma kien fatt xejn, imma xilja mingħajr bażi li kienet indiriżżata lill-attur. Għalhekk, il-Qorti tqis li dak l-intervent kien jikkonsisti f’attribuzzjoni ta’ fatt skorrett bi ħsara lill-attur. Kif dan iseħħ, allura, tkun inqabżet il-linja fejn il-jedd għall-espressjoni ħielsa taqbeż il-limitu tar-ragonevolezza tollerata u tinbidel fi ksur tal-jedd tal-persuna immirata li tħares il-ġieħ tagħha[30];

“Illi jekk ma’ dawn il-konsiderazzjonijiet jiżdied jitqies ukoll il-fatt li l-każ innifsu tat-trasferiment tal-ishma tal-Mid-Med Bank kien wieħed li kien ġibed fuqu għal ċertu żmien interess pubbliku qawwi u mhux ftit polemika, allura l-kobor ta’ xilja bħal dik magħmula fil-konfront tal-attur tieħu dimensjoni eqqel li l-Qrati tagħna qatt ma kienu lesti li jittolleraw taħt il-kappa tal-jedd għall-espressjoni ħielsa ta’ fehmiet[31];

---

[29] App. Civ. **16.1.2002**, fil-kawza fl-ismijiet ***Dr. Joseph Fenech vs Louis Cauchi et***

[30] Ara, per ezempju, P.A. NA **19.1.1996** fil-kawza fl-ismijiet ***Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja***

[31] Ara, per ezempju, P.A. **27.4.1989** fil-kawza fl-ismijiet ***Bonnici Cachia vs Frendo et noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iii.792**) u P.A. RCP **30.4.2002** fil-kawza fl-ismijiet ***Dr. Alfred Sant vs Dione Borg et***

"Illi għal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni tal-imħarrek li huwa ma kellux kontroll fuq dak li xxandar waqt il-programm, il-Qorti jkollha toqgħod fuq dak li issottometta l-attur, u jiġifieri, li fiż-żmien li xxandar dak il-programm radjufoniku, kull stazzjon li jittrasmetti programm "*live*" kien obbligat b'direttiva ċara tal-Awtorita' tax-Xandir li jħaddem apparat li jagħti żmien biex xi kliem offensiv li jista' jingħad jiġi mifli u miżmum milli jiġi mxandar. Fid-dawl ta' sitwazzjoni bħal din, l-imħarrek ma jistax iressaq b'suċċess bħala difiża tiegħu n-nuqqas ta' ħsieb li jingurja billi jallega li kien strument innoċenti ta' disseminazzjoni ta' materjal ingurjuż li ma kellux kontroll dwaru. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-prinċipju li min iħalli li jiġi pubblikat ukoll materjal ingurjuż jew malafamanti, jsir huwa wkoll responsabbli għad-difamazzjoni u jikxef lilu nnifsu għall-azzjoni ta' libell[32];

"Illi għar-rigward tal-prova tat-trasmissjoni, il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet tal-imħarrek dwar iċ-ċirkostanzi msemmijin minnu. Huwa minnu li jingħad li x-xandira saret fl-1 ta' Novembru, 2000, u li x-xhud Bugeja qalet li x-xandira saret fit-2 ta' Novembru, 2000, imma l-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawża, issib li din id-diskrepanza m'hijiex tali li xxejjen il-prova tat-trasmissjoni nnifisha. Il-fatt li l-attur ma kienx qiegħed jisma' x-xandira dak il-ħin li saret ukoll ma jwaqqax il-prova li kien hemm it-trasmissjoni, għaliex imkien fil-liġi m'huwa mitlub li f'kawża ta' libell, il-persuna ingurjata trid tkun qegħda tisma' l-programm biex tista' tmexxi dwaru. Il-prova li x-xandira kienet trasmessa toħrog mir-reġistrazzjoni li ressqet ix-xhud impjegata mal-Awtorita' tax-Xandir: ma hemm xejn x'iwassal lill-Qorti taħseb li dik ir-reġistrazzjoni hija fabbrikazzjoni ta' prova. L-imħarrek innifsu, imbagħad, jgħid li, malli sar jaf bl-ilment tal-attur, kien offra apoloġija. Apoloġija għal xi ħaga li ma saritx ma tagħmilx wisq sens;

"Illi, minbarra dan, f'azzjoni ta' libell l-attur huwa obbligat jipprova biss tliet hwejjeg: (a) li l-oggett (pubblikazzjoni jew xandira) huma malafamanti, (b) li dak l-oggett kien jirreferi għalih, u (c) li l-oggett tqassam jew ixxandar u

[32] P.A. JSP **5.7.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Dr. Eddie Fenech Adami vs Frans Ghirxi et***

twassal lil terzi. Jingħad mill-awturi l-aktar magħrufa f'dan il-qasam li "*these being the only essentials to found an action for defamation, it follows that certain presumptions are made in favour of plaintiff*"[33]. Fost tali presunzjonijiet, jitnisslu dawk li l-kitba (jew il-kliem f'xandira) m'hijiex minnha, u li l-attur garrab ħsara biha jew minħabba fiha;

"Illi għalhekk fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li jirriżultaw u l-provi mressqa, il-Qorti ssib li l-kliem li ngħad dwar l-attur waqt ix-xandira tal-programm "*Tajjeb Li Tkun Taf*" tal-1 ta' Novembru, 2000, immalafamaw lill-attur u kienu maħsuba biex ittellfulu l-ġieħ u l-istima tiegħu, minbarra li jattribwulu fatti li ma jirriżultawx;

"Illi issa l-Qorti trid tqis x'ammont ta' kumpens jistħoqqlu jirċievi l-attur bħala riparazzjoni għall-ingurja u l-malafama li garrab. Għal dan il-għan, qiegħed jiġi meħud kont dak li ġie kostatat li l-fatti msemmija jew attribwiti lilu bl-ebda mod ma jirriżultaw, li x-xilja kienet waħda li tigbor fiha għamil kriminali, minbarra li huwa att ta' abbuż minn kariga pubblika, u dan jimmerita sanzjoni qawwija, meħud kont ukoll kif dan l-episodju kien għadu jqanqal interess u segwitu fuq skala nazzjonali fiż-żmien li saret it-trasmissjoni in kwestjoni. Fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 30 tal-kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li ħadet qies tal-artikolu 28(2) tal-istess, il-Qorti qegħda tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltija (Lm 1,500);"

## **<u>L-appell</u>**

**4.** Il-konvenut Cauchi appella minn din is-sentenza (kif ukoll mid-digriet tat-2 ta' Mejju 2001) b'rikors prezentat fil-25 ta' Ottubru 2002, u l-appellat ipprezenta risposta tieghu fit-8 ta' Novembru 2002. L-appell gie ttrattat quddiem din il-Qorti fl-udjenza tad-19 ta' April 2005. Minn qari ta' l-imsemmi rikors ta' appell jirrizulta li l-appellant ghandu, bazikament, erba' aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: (1) l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta rrespingiet it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja, ossia t-talba

[33] Carter-Ruck, <u>*On Libel and Slander*</u>, 3et Ediz (1985), pa[. 31

tieghu sabiex jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata wara li kien skada t-terminu skond il-ligi; (2) ma saritx il-prova skond il-ligi tat-trasmissjoni tal-kliem allegatament malafamanti skond kif indikat fic-citazzjoni; (3) ma ngabet ebda prova li l-appellant kellu xi kontroll fuq id-diskors li allegatament intqal minn semmiegh waqt il-*phone-in* b’mod ghalhekk li l-appellant ma kellu ebda *animus injuriandi*; u (4) il-kliem indikat fit-traskrizzjoni u fit-*tape* ezibit ma humiex libelluzi fil-konfront ta’ l-attur “ghaliex aktar minn asserzjoni ta’ fatt is-semmmiegh kien qieghed jesprimi kritika, b’mod ta’ apprezzament retoriku (anke jekk goff), fil-konfront ta’ l-attur dwar kwistjoni maghrufa bizzejjed u ta’ interess pubbliku kbir”. Dawn l-erba’ aggravji ser jigu trattati *seriatim*.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

**5.** Kif inghad, l-ewwel aggravju jirrigwarda d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li ma taccettax ir-raguni ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Fir-rikors tieghu tat-23 ta’ Frar 2001 il-konvenut qal li hu u l-avukat tieghu ma kienux deheru fl-ewwel udjenza quddiem l-ewwel Qorti ghax kienu impenjati f’kawza ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Fisser ukoll li dak li kien gara kien semplici zball ta’ kontegg tad-dati (presumibbilment da parti ta’ l-avukat tieghu) ghax “…bi zvista x-xahar ta’ Jannar gie meqjus bi tletin jum flok wiehed u tletin”, u li hu kellu u ghad ghandu kull interess li jikkontesta l-kawza.

**6.** Din il-Qorti ma tarax li f’dan il-kaz l-appellant ghandu ragun f’dan ir-rigward. Il-principji li jirregolaw il-gustifikazzjoni tal-kontumacja gew ri-ezaminati recentement minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza fl-ismijiet ***Noel Calleja et v. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited*** deciza fit-28 ta’ Jannar 2005. F’dik is-sentenza, u fuq l-iskorta ta’ sentenzi precedenti, gie riaffermat li: ***“(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja; (2) Lanqas tista’ tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza; (3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta; (4) Din il-***

***kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu; (5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci; (6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa; (7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"; (8) L-impossiblita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali."***

*7.* Fil-kaz in dizamina, huwa evidenti li hawn si tratta ta' negligenza – ghemil kolpuz – da parti ta' l-appellant (allura konvenut) u/jew tad-difensur tieghu, u certament mhux ta' xi zball "invincibbli"; u galadarba d-difensur ta' parti jkun qed jagixxi a nom ta' dik il-parti, dak li jaghmel jew jonqos milli jaghmel l-avukat difensur ghandu jigi ritenut daqs li kieku ghamlu jew naqas li jaghmlu l-parti. Kwalsiasi regola differenti minn din tista' biss twassal mhux biss ghal incertezzi kbar izda wkoll taghti lok ghal kull forma ta' abbuz taht il-vesti ta' zball biss ta' l-avukat u mhux tal-parti. Ghall-kompletezza, din il-Qorti terga tirribadixxi dak li ntaqal fl-imsemmija sentenza tat-28 ta' Jannar 2005: ***"Fil-fatt gara li ftit ftit bdiet tidhol il-prassi – ghalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumacja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawza, allura dan beda jitqies bhala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumacja li trid tirrizulta biex il-kontumacja ma tigix iggustifikata. Din il-Qorti trid taghmilha cara li gustifikazzjoni merament bazata fuq il-prezenza tal-parti mharrka fl-ewwel appuntament tal-kawza m'huwiex bizzejjed bhala turija li ma hemmx dispett jew kontumacja lejn l-awtorita` gudizzjarja. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek***

***hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."*** Ghalhekk dana l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint

**8.** It-tieni aggravju hu fis-sens li ma giex sodisfacentement pruvat li l-kliem li dwarhom qed jilmenta l-appellat (allura attur) kienu fil-fatt trasmessi ossia pubblikati fil-programm radjufoniku tal-1 ta' Novembru 2000. Din il-Qorti tqis dana l-aggravju bhala wiehed fieragh. Apparti l-konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha – hawn aktar 'il fuq riprodotta – liema konsiderazzjonijiet din il-Qorti taqbel perfettament maghhom, jizdied jinghad li, ghalkemm huwa veru li x-xhud Joanne Bugeja (fol. 21 *et seq.*) in rapprezentanza ta' l-Awtorita` tax-Xandir qalet li kienet qed tesebixxi "*tape* bil-kopja tal-programm Tajjeb li Tkun Taf li gie trasmess fuq Super One Radio fl-<u>2 ta' Novembru 2000</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti), it-*tape* in kwistjoni li jinsab materjalment esebit bejn fol. 31 u 32 ta' l-atti, fih fuqu *label* tal-"Broadcasting Authority – Programme Monitoring Dept." li jindika d-data bhala "<u>1st November 2000</u>", l-istazzjon bhala "Super One Radio" u l-programm "Tajjeb li tkun taf (p.m.)". Minn dan, ma jistax ikun hemm l-icken dubju li l-kliem li minnu qed jilmenta l-attur appellat kien fil-fatt trasmess fil-programm u fil-gurnata minnu indikati fic-citazzjoni. Dan it-tieni aggravju ma jimmeritax aktar konsiderazzjoni.

**9.** It-tielet aggravju ta' l-appellant ukoll huwa infondat. Galadarba gie sodisfacentement pruvat li l-kliem li minnu qed jilmenta l-appellat gie effettivament imxandar fil-programm indikat fic-citazzjoni u fuq l-istazzjoni li tieghu l-appellant kien l-editur ghall-finijiet ta' l-Artikolu 2 tal-Kap. 248 (ara wkoll l-Artikoli 43 u 44 ta' l-imsemi Kap. 248) – u dwar il-fatt li huwa kien hekk l-editur ma hemmx kontestazzjoni – isegwi li l-appellant, bhall-editur ta' gazzetta li jista' ma jkunx qara, qabel il-pubblikazzjoni, xi artikolu partikolari, huwa responsabbli vikarjament ghal kull kliem malafamanti li talvolta jista' jigi mxandar fuq dak l-istazzjon. Apparti li fil-kaz ta' malafama b'xi mezz kif

imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Kap. 248 il-kwistjoni ta' l-*animus injuriandi* strettament ma hijiex relevanti hlief ghall-kwistjoni tal-*quantum* tad-danni (bhalma ma hijiex relevanti hlief ghall-*quantum* tal-piena skond il-paragrafi (a) u (b) ta' l-Artikolu 11 ta' l-imsemmi Kapitolu meta si tratta ta' azzjoni penali), biex jezimi ruhhu minn kull responsabbilta` l-konvenut kellu se mai jipprova li kien assolutament impossibbli ghalih li jipprevjeni ix-xandir tal-kliem malafamanti – biex wiehed jiehu ezempju estrem, jekk xi hadd jahtaf f'idejh stazzjon tax-xandir u jibda jitrasmetti diskors malafamanti. Pero` jekk editur ipoggi lilu nnifsu fl-impossibilita` li jikkontrolla dak li jkun ser jixxandar – bhal meta jixxandru programmi *live* ossia in diretta – dik l-impossibilita` tkun *self inflicted* u ghalhekk ma tikwalifikax bhala impossibilita` assoluta. Huwa veru li strettament l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta qalet li hija *"…ikollha toqghod fuq dak li ssottometta l-attur, u jigifieri, li fiz-zmien li xxandar dak il-programm radjufoniku, kull stazzjon li jitrasmetti programm* live *kien obbligat b'direttiva cara ta' l-Awtorita` tax-Xandir li jhaddem apparat li jaghti zmien biex il-kliem offensiv li jista' jinghad jigi mifli u mizmum milli jigi mxandar"* u dan ghax ma kien hemm ebda prova ta' tali "direttiva cara" – l-osservazzjoni f'dan is-sens ta' l-attur fin-nota tieghu ta' sottomissjonijiet tat-13 ta' Settembru 2001 ma tammontax ghal prova. Pero` dik il-Qorti setghet tiehu konjizzjoni gudizzjarja tal-fatt li tali apparat kien jezisti u li ghalhekk, kieku ried, il-konvenut kellu mezz idoneu biex jikkontrolla dak li jigi mxandar minn xi hadd li jcempel fuq programm li jkun qed jixxandar in diretta.

**10.** Ir-raba' u l-ahhar aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-kliem[34] li minnhom qed jilmenta l-appellat kien kritika

[34] **Semmiegh:** *...Ha nghidlek ghax dana l-Ministru tal-Finanzi qal illi ghaxar miljuni 'l hemm u ghaxar miljuni 'l hawn m'huma xejn. Ghandi dritt jien inhoss illi l-ghaxar miljuni li marru 'l hemm hadhom ghalih? Ghandi kull dritt jien li nhoss hekk?*
**Alfred Grixti:** *Ifhimni, ghandek kull dritt pero`....*
**Semmiegh:** *Il-kuxjenza tieghi u ta' eluf bhali jahsbuha hekk.*
**Alfred Grixti:** *Ghandek kull dritt li tahseb li trid pero` qabel ma tghidha oqghod attent fejn tghidha u kif tghidha…*
**Semmiegh:** *Le, ghax hu qal 'Hadd ma jaghmel xejn ta' xejn'.*
**Alfred Grixti:** *Ghax tesponi ruhek ghal libell, biex ma taqlax libell qed nghidlek ghax il-bqija…*
**Semmiegh:** *Imma hu jghid…*

goffa aktar milli affermazzjoni ta’ fatt. Din il-Qorti ma taqbilx. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza elaborata taghha, il-kliem inkriminat ma hu xejn ghajr affermazzjoni ta’ fatt, cioe` li fl-okkazzjoni tat-trasferiment ta’ l-ishma tal-Mid-Med Bank, il-konvenut kien dahhal f’butu ghaxar miljuni f’forma ta’ pagament illecitu jew tixhim. Tant huwa evidenti li dan kien is-sens li fih semmiegh ordinarju jifhem dak li kien qed jghid is-semmiegh li cempel fuq il-programm, li minn kien qed imexxi l-programm (Alfred Grixti) mill-ewwel intebah li l-kliem kien malafamanti, izda flok ma’ qatghalu mill-ewwel – u kieku kien hemm in operazzjoni s-sistema tad-*delayed transmission* b’monitoragg serju il-kliem anqas messu thalla jigi *on air* – kwazi kompla mieghu u hallieh inissel il-battuta finali li tkompli <u>tafferma</u> li fil-fatt hekk kien sar, cioe` li l-attur kien dahhal f’butu ghaxar miljuni.

**<u>Decide</u>**

**11.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma kemm id-digriet tat-2 ta’ Mejju 2002 kif ukoll is-sentenza tad-9 ta’ Ottubru 2002. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu kollha mill-appellant.
`

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

---

**Alfred Grixti:** *Int ghandek dritt li tissuspetta dak li qed tissuspetta.*
**Semmiegh:** *Li nhoss dak li nhoss, barra minn hekk hu qal li hadd ma jaghmel xejn ta’ xejn…*
**Alfred Grixti:** *Iva qalha wkoll…*
**Semmiegh:** *Allura la hadd ma jaghmel xejn ta’ xejn, hadd m’ghamel xejn ta’ xejn…*